# L-Importanza tal-*Project Management* fis-Settur tal-Kostruzzjoni

## Il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2024 - 16:30hrs – 19:00 hrs

## Queen Mary University of London, Malta Campus, Rabat Għawdex

L-aspett ta' *project management* fis-settur tal-kostruzzjoni tinvolvi li wieħed jidderieġi u jorganizza kull parti miċ-ċiklu tal-proġett sakemm dan jitlesta, u anke wara. L-iskop prinċipali hu li wieħed jikkordina l-isforzi ta' kull min hu nvolut. Dan jinkludi klijenti, professjonisti, u kuntratturi. Huwa mportanti li l-proġett jiġi ffinalizzat b'mod sigur, skont l-ispeċifikazzjonijiet li kienu oriġinarjament mitluba, fil-ħin u fil-baġit li kien maħsub, għas-sodisfazzjon tal-partijiet kollha nvoluti.

Il-*project management* fis-settur tal-kostruzzjoni jinvolvi sitt stadji: a) l-ippjanar u l-iżvilupp; b) d-*design*; c) il-fażi qabel il-kostruzzjoni; d) *il-procurement*; e) il-kostruzzjoni, u f) l-fażi ta' wara l-kostruzzjoni. Id-diskussjoni se tkun qed tindirizza lil dawk kollha nvoluti fis-settur tal-kostruzzjoni u se tkun qed turi l-benefiċċju meta proġett fis-settur tal-kostruzzjoni jkun organizzat b'mod tajjeb. Ħafna pajjiżi ġa qed jaraw il-benefiċċji meta jiġu ngaġġati *construction project managers* professjonali f'kull fażi tal-proġett. Għaliex mhux f'Malta?

| AĠENDA | |
|---|---|
| **16:30 – 17:00** | Reġistrazzjoni u kafe' |
| **17:00 – 17:10** | Introduzzjoni minn Michael Galea, President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex |
| **17:10 – 17:25** | Preżentazzjoni minn Juergen Attard – *Senior Manager Policy & Research*, Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA): 'Ħarsa Ġenerali lejn is-Settur tal-Kostruzzjoni' |
| **17:25 – 17:45** | Preżentazzjoni minn Jesmond Chetcuti – President, tal-*Malta Chamber of Construction Management (MCCM)* 'Ħarsa Ġenerali lejn ir-rwol tal-*Project Management* fis-Settur tal-Kostruzzjoni.' |
| **17:45 – 18:25** | Panel ta' Diskussjoni bil-parteċipazzjoni tal-Perit Edward Scerri (Viċi President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex), Jesmond Chetcuti, Michael Cutajar (President tal-Assoċjazzjoni Bennejja u Kuntratturi), Ing. Malcolm Zammit (President taċ-*Chamber of Engineers*) |
| **18:25 – 18:50** | Mistoqsijiet u Tweġibiet |
| **18:50 – 19:00** | Rimarki tal-aħħar minn Mario Borg Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA) |

GBC THE GOZO BUSINESS CHAMBER
MCCM
EUROPE DIRECT Gozo
GOZO REGIONAL DEVELOPMENT AUTHORITY
Queen Mary University of London Malta Campus
BOV Bank of Valletta
ASSOĊJAZZJONI BENNEJJA U KUNTRATTURI
Chamber of Engineers